# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-25 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 343/2014 SM**

**Robert Mizzi**
**(ID Nru 505779 M)**

**vs.**

**Jane Chircop (ID Nru 466464 M)**
**ezercenti l-kummerc bhala**
***Sapphire Real Estate Services***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-24 t'April, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi l-intimata kellha estate agency bl-isem ta' *Sapphire Real Estate Services*;

1.2. Illi r-rikorrenti kien impjegat tal-intimata bhala negozjatur tal-proprjeta` minn Mejju 2003 sa Dicembru 2006, u *sales manager* minn Jannar 2007 sa Novembru, 2009;

1.3. Illi kellu ftehim fejn inizjalment kien intitolat ghal porzjon ta' erbghin fil-mija, (40%) tas-senserija ghal kull kuntratt ta' bejgh ta' proprjeta` immobbli li hu jkun ikkonkluda, liema persentagg kien allokat f'hamsa u tletin fil-mija, (35%), bhala *sales right*, u hamsa fil-mija, (5%) bhala *inspection rights*;

1.4. Illi meta fl-2007 lahaq *sales manager* l-intimata verbalment infurmatu li kien ha jkollu zieda ta' hamsa fil-mija, (5%), bhala *manager rights* ghal kull bejgh konkluz minnu;

1.5. Illi *di piu`*, kien ukoll intitolat ghal tliet mija u hamsin euro, (€350.00), bhala *manager bonuses* kull xahar;

1.6. Illi fis-sena 2010 gew konkluzi erbgha (4) kuntratti bl-involviment tieghu, (ara foll 2, 7, 20, 27 u 43);

1.7. Illi l-ammont ta' senserija dovuta lil Sapphire Real Estate Services fir-rigward tal-kuntratti indikati fil-paragrafu precedenti huma s-segwenti:

1.7.1. €9,357.00 ghall-kuntratt tad-29 ta' Jannar, 2010;

1.7.2. €10,620.00 ghall-kuntratt taz-19 ta' Frar, 2010;

1.7.3. €4,607.00 ghall-kuntratt tat-23 ta' Marzu, 2010;

1.7.4. €9,133.20 ghall-kuntratt tat-30 ta' Gunju, 2010;

1.8. Illi ghalhekk l-ammont komplessiv hekk dovut lill-imsemmija *Sapphire Real Estate Services* bhala senserija ghall-2010 kien ta' €33,717.20, u dan, inkluz il-VAT;

1.9. Illi skont l-arrangament ezistenti bejn il-kontendenti kif fuq deskritt ir-rikorrenti kien dovut 45% mill-imsemmi ammont ekwivalenti ghal hmistax- il elf mija u tnejn u sebghin euro u erbgha u sebghin centezmu, (€15,172.74);

1.10. Illi fil-11 ta' Frar, 2008, is-socjeta` *R. & D. Development Limited (C-34083)*, li taghha r-rikorrenti u David Mifsud hu direttur u azzjonist, xtrat proprjeta` tramite *Sapphire Real Estate Services*;

1.11. Illi fil-prezenza tal-imsemmi David Mifsud, l-intimata qablet li l-*agency fees* dovuti lill-istess agenzija tal-intimata kellhom jigu imnaqqsa mill-*manager bonuses* li r-rikorrenti kien intitolat jiehu kull xahar;

1.12. Illi meta dawn l-*agency fees* gew hekk imhallsa kollha, l-intimata naqset li terga' taghti l-*manager bonuses* lir-rikorrenti;

1.13. Illi dawn il-*manager bonuses* hekk mizmuma mill-intimata jammontaw ghal elfejn tmin mija, tmienja u erbghin euro u disgha u ghoxrin centezmu, (€2,848.29);

1.14. Illi ghalhekk l-ammont komplessiv li l-intimata ghandha taghti lir-rikorrenti jammonta ghal tmintax- il elf wiehed u ghoxrin euro u tliet centezmi, (€18,021.03), eskluzi l-interessi;

1.15. Illi l-intimata qatt ma ikkontestat l-ammonti dovuti;

1.16. Illi ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas l-ammonti minnha dovuti lir-rikorrenti, baqghet inadempjenti, (ara foll 65 u 68);

1.17. Illi ghalhekk kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.17.1. Tiddikjara li l-intimata ghandha taghti lir-rikorrenti l-ammont komplessiv ta' €18,021.03 kif fuq spjegat;

1.17.2. Tikkundanna lill-intimata thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti;

1.17.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur sad-data tal-pagament effettiv;

2. Rat id-digriet taghha datat it-28 t'April, 2014, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh fid-data hemm indikata, (ara foll 70);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimata datata t-23 ta' Mejju, 2014, li permezz taghha l-intimata irrispondiet sintetikament bil-mod segwenti:

3.1. Illi r-rikorrenti ghandu jispjega b'mod car l-ammonti minnu pretizi;

3.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li l-ammont pretiz mhux dovut kif indikat;

3.3. Illi r-rikorrenti ghandu jaghti lill-intimata s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u tmienja u tmenin centezmu, (€11,646.88), bhala penali ghal ksur kontrattwali daparti tieghu;

3.4. Illi ir-rikorrenti flimkien m'ohrajn hu debitur tal-intimata u ohrajn ta' ammont li approprija ruhhu minnu ma ohrajn, a skapitu tal-intimata u ohrajn;

3.5. Illi l-vertenza odjerna hi wkoll il-mertu ta' procedura ohra pprezentata kontestwalment;

3.6. Bl-ispejjez;

3.7. Salv risposti ulterjuri;

4.0. Rat il-kontro-talba tal-intimata annessa mal-istess risposta guramentata taghha li permezz taghha essenzjalment issosstni s-segwenti:

4.1. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonat kien *property consultant* mad-ditta taghha *Sapphire Real Estate Services*;

4.2. Illi permezz ta’ skrittura privata datata l-5 ta’ Marzu, 2005, l-istess rikorrenti intrabat li jippresta l-istess servizzi tieghu kif fuq indikat b’mod esklussiv u konfidenzjali, (ara foll 271);

4.3. Illi f’kaz ta’ ksur tal-istess obbligi r-rikorrenti rikonvenzjonat intrabat li jkun espost ghal penali ta’ Lm5,000.00, (ara foll 279);

4.4. Illi fil-kors tas-servizz tieghu mal-imsemmija ditta r-rikorrenti rikonvenzjonat agixxa kontra l-interessi tal-istess ditta billi:

4.4.1. Uza informazzjoni kunfidenzjali kontra l-interessi tal-istess ditta;

4.4.2. Ghamel approprijazzjoni indebita;

4.5. Illi ghalhekk agixxa kontra l-obbligi kontrattwali tieghu;

4.6. Illi *nonostante* dan baqa` jippretendi li jithallas is-senserija fuq diversi kuntratti konkluzi bl-involviment tieghu;

4.7. Illi ghalhekk kellha tigi intavolata l-kontro-talba odjerna biex ir-rikorrenti rikonvenzjonat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

4.7.1. Tiddikjara li r-rikorrenti kiser l-obbligi kontrattwali tieghu naxxenti mill-iskrittura privata datata l-5 ta’ Marzu, 2005;

4.7.2. Tiddeciedi li allura jiskatta l-hlas tal-penali hemm kontemplat u dovut mir-rikorrenti rikonvenzjonat lill-intimata rikonvenzjonanti;

4.7.3. Tikkundanna lill-istess Robert Mizzi jhallas lill-intimata rikonvenzjonanti il-penali *de quo* ekwivalenti ghal €11,646.88 jew somma verjuri;

4.7.4. Bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti;

5.0. Rat ir-risposta tar-rikorrenti rikonvenzjonat datata z-19 ta' Gunju, 2014, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

5.1. Illi t-talbiet tal-intimata rikonvenzjonanti kif ibbazati fuq l-iskrittura privata datata l-5 ta' Marzu, 2005, huma infondati;

5.2. Illi mhux minnu li uza informazzjoni kunfidenzjali appartenenti lid-ditta *de quo*;

5.3. Illi mhux minnu li ghamel approprijazzjoni indebita;

5.4. Illi ghall-kuntrarju l-intimata u impjegati ohra tad-ditta *de quo* investew fi progett ghax-xiri u zvilupp ta' proprjeta` f'San Pawl il-Bahar u ghalhekk ippartecipat fl-operat tas-socjeta` *R & D Developments Limited*;

5.5. Illi ghalhekk jichad li kiser l-obbligi kontrattwali tieghu;

5.6. Illi ghalhekk ukoll jibqa' jsosstni li hu ghadu dovut l-ammont minnu mitlub fir-rikors guramentat promotur;

5.7. Illi fi kwalunkwe kaz l-intimata rikonvenzjonanti ghandha ggib il-prova li soffriet xi danni;

5.8. Salv risposti ulterjuri;

5.9. Bl-ispejjez kontra l-intimata rikonvenzjonanti;

6. Rat ir-risposta guramentata ulterjuri datata l-25 ta' Novembru, 2015, li permezz taghha l-intimata eccepiet ukoll li l-azzjoni odjerna kif promossa mir-rikorrenti hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2147(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara foll 166);

7. Rat ir-risposta guramentata ulterjuri datata l-1 ta' Gunju, 2016, li permezz taghha r-rikorrenti ssolleva li l-kontro-talaba tal-intimata rikonvenzjonanti hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2156(f) tal-istess Kap 16, (ara foll 292);

8. Rat ukoll ir-risposta guramentata ulterjuri din id-darba datata t-22 ta' Lulju, 2016, li permezz taghha l-intimata rriproduciet *verbatim* ir-risposta ulterjuri taghha datata l-25 ta'Novembru,

2015, (ara foll 298 u 166), u li permezz ta' nota tal-istess data hawn indikata irtirat dik datata l-25 ta' Novembru, 2015, (ara foll 166 u 299);

9. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu wara li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar x'jipproducu, fuq talba tal-istess, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 300);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-27 ta' Jannar, 2017, (ara foll 301), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata datata l-24 ta' Marzu, 2017, (ara foll 316);

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti *in atti*;

13. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tal-intimata rikonvenzjonanti tiddikjara li qed tistrieh fuq in-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess, (ara foll 332);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fl-essenzjalita` taghhom il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

14.1. Illi r-rikorrenti kien impjegat *bhala property negotiator* mal-intimata fid-ditta *taghha Sapphire Real Estate Services*, minn Mejju 2003 sa Dicembru, 2006, (ara foll 1);

14.2. Illi minn Jannar 2007 sa Novembru 2009, waqt li l-istess rikorrenti baqa' jaqdi l-mansjoni tieghu fuq indikata kien elevat ukoll ghal *sales manager*, (ara foll 1);

14.3. Illi l-istess rikorrenti temm l-impjieg tieghu minn mal-imsemmija ditta f'Novembru, 2009, (ara foll 1);

14.4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimata jikkonsistu fis-segwenti:

14.4.1. €15,172.74 bhala senserija fir-rigward ta' erbgha kuntratti, (ara foll 2);

14.4.2. €2,848.29 bhala *manager bonuses* lilu mizmuma mill-intimata, (ara foll 3);

14.4.3. Komplessivament ammontanti ghal €18,021.03;

14.5. Illi l-intimata sintetikament issosstni s-segwenti:

14.5.1. Illi l-ammont komplessiv pretiz mir-rikorrenti mhux dovut;

14.5.2. Illi *di piu`*, l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2147(c) tal-Kap 16 *de quo*, (ara foll 298);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi in kontro-talba l-intimata rikonvenzjonanti sintetikament issottomettiet is-segwenti:

15.1. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonat ghandu jtiha €11,646.88 bhala penali konsegwenti ghall-ksur tal-iskrittura privata datata l-5 ta' Marzu, 2005, (ara foll 271 *et sequitur*);

15.2. Illi dan l-ammont hu dovut ghaliex kiser l-obbligi tal-kunfidenzjalita` hemm imposti, (ara foll 81);

16. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonat irrisponda li qatt m'uza informazzjoni kunfidenzjali appartenenti lid-ditta tal-intimata rikonvenzjonanti jew li b'xi mod agixxa kontra l-interessi tal-istess, (ara foll 92);

17. Illi daparti tieghu, l-istess rikorrenti rikonvenzjonat sussegwentement intavola eccezzjoni ulterjuri fil-konfront tat-talbiet tal-intimata rikonvenzjonanti fis-sens li l-azzjoni fir-rigward hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2156(f) tal-istess Kap 16, (ara foll 292);

Ikkunsidrat:

18. Illi f'dan l-istadju hu ghaqli li tigi indirizzata l-ewwel l-eccezzjoni ulterjuri rigwardanti il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artiklu 2147(c) tal-Kap 16 *de quo*, sollevata mill-intimata ghat-talbiet tar-rikorrenti;

19. Illi essendo li hawn si tratta ta' senserija, issir referenza ghall-artiklu 2148(e) tal-istess Kap 16 li jghid is-segwenti:

> "L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax- il xahar:
>
> "(e) l-azzjonijiet tas-sensala, ghad-dritt ta' senserija";

20. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-artiklu applikabbli ghall-fatti in dizamina hu dak ikkwotat fil-paragrafu precedenti u mhux dak invokat mill-intimata li m'ghandux x'jaqsam mall-vertenza *de quo*;

21. Illi kif irriteniet il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fil-kawza fl-ismijiet ***L-Awtorita` tad-Djar vs. Yvonne Attard***, datata t-***22 ta' Mejju, 2008***:

> "... jaqa' fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni li jghid liema hija tassew il-preskrizzjoni li qieghed jinvoka...";

22. Illi ghalhekk il-preskrizzjoni invokata mill-intimata, (2147(c) tal-Kap 16 *de quo*), hi dik rigwardanti sefturi jew persuni mhallsin bix-xahar, artigjani jew haddiema mhallsin bil-gurnata, liema sitwazzjonijiet ma japplikawx ghall-kaz in dizamina li jirrigwarda senserija;

23. Illi ghaldaqstant din l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

24. Illi f'dan l-istadju issa timmerita li tigi analizzata t-talba tar-rikorrenti rigwardanti s-senserija;

25. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jsosstni li s-senserija dovuta fl-erbgha kuntratti minnu individwati, (ara foll 2, paragrafu numru 5), kienet giet debitament imhallsa lid-ditta tal-intimata izda l-porzjon dovut mill-istess lir-rikorrenti qatt ma gie mhallas lilu skont l-iskrittura tal-5 ta' Marzu, 2005, (ara foll 271 *et sequitur*);

26.0. Illi *ormai* ilu assodat fil-ligi taghha li biex jiskatta d-dritt ghas-senserija jinhtieg li jikkonkorru tliet elementi principali:

26.1. Il-konkluzjoni tan-negozju prospettat;

26.2. L-intromissjoni tas-sensal trid tkun rikjesta jew almenu accettata miz-zewg kontraenti; u

26.3. L-attivita` tas-sensal tkun tali li wasslet lill-partijiet ghal *in idem placitum consensus*;

27. Illi fin-nuqqas anke ta' wiehed mir-rekwiziti hawn elenkati fil-paragrafu precedenti t-talba ghas-senserija ma tkunx tista' tigi sostenuta, ghalkemm f'dan il-kaz jista' jinghata kumpens ghax-xoghol maghmul abbazi tal-principju *omnia labor optat premium*;

28. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghad-deposizzjoni guramentata tal-intimata datata l-15 ta' Marzu, 2016, (ara foll 281), li fir-rigward tal-erbgha (4) kuntratti indikati mir-rikorrenti fil-paragrafu 5 tar-rikors guramentat tieghu, (ara foll 2 u sussegwentement foll 7, 20, 27 u 43), l-istess intimata tghid:

> "Jien nikkonferma li Robert Mizzi ressaq ix-xerrejja ta' dawn il-kuntratti – l-erbgha li huma – ghall-kuntratt finali";

29. Illi in vista tal-istess ghandu jkun pacifiku li r-rekwiziti ghall-esiztenza tas-senserija fuq elenkati jirrizultaw kollha sodisfatti u konsegwentement, din il-qorti m'ghandiex alternattiva hlief li takkolji t-talba tal-istess rikorrenti ghas-senserija minnu rikjesta;

30. Illi ghalhekk l-istess rikorrenti ghandu dritt ghall-hlas tal-porzjon lilu dovut mis-senserija gia` percepita mill-intimata fuq l-istess erbgha (4) kuntratti in dizamina, *u dan*, *stante* li l-istess intimata accertat li l-intervent tar-rikorrenti kien determinanti ghall-konkluzjoni tal-kuntratti ta' konpra-vendita in dizamina;

31. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li s-senserija li irceviet l-intimata wara l-konkluzjoni tal-kuntratti in dizamina kienet komplessivament ammontanti ghal €33,717.20, (ara foll 3);

32. Illi r-rikorrenti ghalhekk jippretendi li a bazi tal-ammont kif pattwit bejniethom hu ghandu jircievi s-somma ta' €15,172.74, (ara foll 30);

33. Illi pero` f'dan l-istadju ssir referenza ghall-artiklu 29 tal-iskrittura datata Marzu, 2005, (ara foll 278), minn fjen jirrizulta li f'kaz ta' terminazzjoni tal-impjieg, (bhal ma hu l-kaz tar-rikorrenti), l-agenzija li kienet qed timpjegah izzomm 10% tal-*"consultants' service fee"*;

34. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li ammont komplessiv fuq rikjamat mir-rikorrenti, (ara paragrafu numru tnejn u tletin, (32.), aktar qabel), ghandu ghalhekk jigi ridott b'10%;

35. Illi in vista tal-premess, l-ammont li ghalhekk hu dovut lir-rikorrenti mill-intimata hu ta' €13,655.46, (senjatament 10% ta' €15,172.74);

Ikkunsidrat:

36. Illi in vista tas-suespost, jigi sottolineat li r-risposti kollha tal-intimata ghandhom jigu respinti bl-eccezzjoni tar-riduzzjoni rilevata;

Ikkunsidrat:

37. Illi t-tieni kwezit indirizzat mir-rikorrenti jirrigward l-*"manager's bonuses"* minnu pretizi fl-ammont ta' €2,848.29, (ara foll 3);

38.0. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghad-deposizzjoni guramentata tal-intimata datata l-25 ta' Novembru, 2015, (ara foll 175), li permezz tal-istess tispjega l-pakkett lavorattiv li kkoncediet lir-rikorrenti meta lahqitu *Deputy Manager*, senjatament:

38.1. 5% *"commission"* aktar min-negozjaturi l-ohra;

38.2. *"Performance bonus"* ta' €350.00 fix-xahar;

38.3. 35% *"commission"* fuq kull bejgh li l-istess rikorrenti jaghmel;

38.4. 5% *"managers' rights"* fuq kull bejgh li jaghmel hu stess;

38.5. 5% *"inspection rights"*;

3.8.6. 5% *"managers' rights"* fuq kull bejgh konkluz minn negozjaturi ohra;

39.0. Illi l-funzjoni ta' *"deputy manager"* hi spjegata mill-istess intimata fl-istess dikjarazzjoni guramentata taghha indikata fil-paragrafu precedenti, senjatament:

39.1. Illi jassissti li kull negozjatur li jkun fil-bzonn;

39.2. Illi jikkonkludi n-negozjati;

39.3. Illi jattendi man-negozjaturi ghal kull konvenju u ghall-kuntratt finali;

39.4. Illi jigbor il-flus dovuti lid-ditta tal-intimata;

40. Illi minn analizi tar-rizultanzi in dizamina ma jirrizultax li l-*"manager bonus"* in dizamina kien dipendenti minn xi kundizzjoni pattwita bejn il-partijiet;

41. Illi l-intimata tirrileva fir-rigward li kienet qed tirrifjuta thallas l-imsemmi bonus lir-rikorrenti ghaliex impjegati ohra fi hdan id-ditta taghha kienu wissewha li kienet qed thallas lir-rikorrenti ghalxejn ghaliex kien biss qed jikkoncentra l-isforzi tieghu fuq progetti personali, (ara foll 176);

42. Illi jinghad fir-rigward li dak indikat fil-paragrafu precedenti ma jammontax ghal raguni valida biex l-intimata tkun legalment gustifikata tezimi ruhha mill-kondizzjonijiet pattwiti bejn il-kontendenti fl-istess skrittura fuq riferita;

43. Illi min-naha tieghu r-rikorrenti jinsisti li fl-esekuzzjoni tieghu bhala *deputy manager* hu kien ukoll involut fil-gestjoni gornaljiera tad-ditta *Sapphire Real Estate Services*; fil-ko-

ordinazzjoni tas-*"sales team"*; *"marketing"* rizorsi umani, u *"business development"* fost l-ohrajn, (ara foll 304);

44. Illi in vista tal-premess jirrizulta pacifiku li dan il-"*bonus*" mitlub mir-rikorrenti hu effettivament dovut minnu kif minnu rikjamat;

Ikkunsidrat:

45. Illi in vista tal-premess ghandu f'dan l-istadju jigi sottolineat li l-ammont pretiz mir-rikorrenti fir-rikors guramentat promotur tieghu ghandu jintlaqa' u komplessivament jammonta ghal **sittax- il elf hames mija u tliet euro u hamsa u sebghin centezmu, (€16,503.75)**, konsistenti f'senserija ta' **€13,655.46**, (ara paragrafu numru hamsa u tletin (35.), aktar qabel) u f' **"*performance bonus*"** ta' **€2,849.29**, (ara paragrafu numru erbgha u erbghin, (44.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

46.0. Illi fir-rigward tal-kontro-talba sollevata mill-intimata rikonvenzjonanti jinghad sintetikament is-segwenti:

46.1. Illi l-istess tallega li r-rikorrenti rikonvenzjonat kiser il-Kodici tal-Etika u r-regolamenti tas-socjeta` taghha, (ara foll 80 u 279), specifikatament li agent tal-istess m'ghandux jikxef, jizvela jew jikkomunika informazzjoni rizervata sigrieta u kunfidenzjali fdata f'idejh;

46.2. Illi min-naha tieghu r-rikorrenti rikonvenzjonat isosstni li l-intimata kienet konsapevoli tal-fatt li hu kien ukoll involut f'xoghol iehor simili u kienet ukoll involuta f'kull transazzjoni li hu kien jaghmel f'isem din is-socjeta` l-ohra, senjatament *R & D Developments Limited*;

Ikkunsidrat:

47. Illi fir-rigward, ir-rikorrenti rikonvenzjonat jissottometti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artiklu 2156(f) tal-Kap 16 *de quo* (ara foll 292);

48. Illi l-istess artiklu jiddetermina s-segwenti:

> "L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin:
>
> "f. L-azzjoni ghall-hlas ta' kul kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku";

49. Illi l-allegat ksur kontrattwali daparti tar-rikorrenti rikonvenzjonat tal-Kodici tal-Etika *de quo* sehh fl-2006 meta saru l-konvenji ta' Robert Quinn u Charles Bugeja, rispettivament datati l-21 ta' Mejju, 2007, (ara foll 202), u l-4 t'Ottubru, 2006, (ara foll 208);

50. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-perjodu preskrittiv beda jiddekorri minn Ottubru, 2006;

51. Illi jirrizulta assodat li l-kontro-talba in dizamina kienet intavolata fit-23 ta' Mejju, 2017, (ara foll 76, 80 u 82);

52. Illi ghalhekk jirrizulta li l-limitu kwinkwennali statutorjament impost gie abbundantement superat u ma jirrizultax li kien interrott;

53. Illi ghalkemm l-intimata ssosstni li saret taf b'dan fiz-19 ta' Frar, 2010, (ara foll 318), dan hu erroneu *stante* li l-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-allegat illecitu li minnu jirrizulta d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leza ssir taf bl-istess, (ara sentenza tal-***Qorti tal-Appell (Inferjuri***) fl-ismijiet ***Frans Micallef et vs. Paul Agius et***, datata t-***18 ta' Gunju, 2014***);

54. Illi ghalhekk anke din ir-risposta ulterjuri tar-rikorrenti rikonvenzjonat ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

55.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi flimkien mar-risposti tieghu ghall-kontro-talba tal-intimata u mar-risposta ulterjuri tieghu, u konsegwentement:

**DECIDE:**

55.1 Tilqa' t-talbiet tieghu bil-korrezzjoni fuq indikata;

55.2. Tirrespingi r-risposti u r-risposta ulterjuri tal-intimata;

55.3. Tirrespingi t-talbiet tal-intimata rikonvenzjonanti;

55.4. Takkolji r-risposti tar-rikorrenti rikonvenzjonat flimkien mar-risposta guramentata ulterjuri tieghu;

55.5. Tiddikjara li l-intimata Jane Chircop ghandha thallas lir-rikorrenti Robert Mizzi s-somma komplessiva ta' sittax- il elf hames mija u tliet euro u hamsa u sebghin centezmu, (€16,503.75), kif fuq elaborat;

55.6. Tikkundanna lill-istess intimata thallas lir-rikorrenti s-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

55.7. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-imsemmija intimata.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**